# IN-NIĊĊA TA' BINĠEMMA

*(Tagħrif miġbur minn għand Marija Calleja u minn għand il-bdiewa)*

Tfajla żagħżugħa medhiija fi ħsibijiet tad-dar biex tkun tista' dejjem ġġibha 'l quddiem billi tgħin lill-ommha u lill-missierha u taqdi dmirijietha bir-reqqa kollha, kienet qegħda bi kwietha tirgħa erba' nagħġiet li tad-dar tagħha kienu jħobbu jrabbu; dik in-nhar kienet ħarġithom u marret bihom ftit fil-qrib, f'għalqa mat-triq li minn Bingemma tieħu għas-Santi u għal ta' l-Abbatija.

Bi kwietha u ferħana kienet qegħda tħammem xi kant tal-Madonna li kienet tgħallmet fil-knisja tal-Madonna ta' Itria, fejn kienet tmur għall-quddies u għad-duttrina meta kienet għadha żgħira; dan il-kant baqgħu jkantawh ix-xebbiet li jikbru qabel ma jgħidu r-Rużarju fil-Kappella.

Infixlet u tħawdet f'daqqa waħda meta, waqt li kienet hekk bi kwietha, semgħet diskors fil-qrib ta' rġiel li ma setgħetx tifhem x'kienu qegħdin jgidu; ittawlet minn fuq il-ħajt u rat li kienu suldati franċiżi ġejjin għan-naħa tagħha; ħadet qatgħa u beżgħet għax basret li kienu se jittentawha. Hekk kien; wieħed minnhom kien diġa' qiegħed jipprova jaqbeż fil-għalqa. Faret bil-mistħija u twerwret bil-biża', mifxula kif kienet, għajtet għajta lil min seta' jeħlisha: Marija Omm tal-Ħniena. Telqet tiġri kemm tiflaħ u ħalliet in-nagħaġ warajha, qabżet l-ewwel ħajt għan-naħa l-oħra tal-għalqa; bla nifs u bil-biża' qabdet it-trejqa li sabet quddiemha u, tibża' u tiġri baqgħet sejra magħha għal fejn twassalha. Is-suldati meta rawha mbeżża', iżjed ħebbu għal warajha, bid-daħq u bil-kliem li ma jidhirx li kien tant sewwa, baqgħu sejrin għal warajha.

B'nifisha maqtugħ, aktar għaġġlet u ġriet ma



tafx fejn se taqbad tagħti rasha. L-aktar ħaġa għażiża għal qalbha kien is-safa u l-imħabba lejn il-Madonna; dawn ma riedet bl-ebda mod titlifhom, jew tħallihom ikasbruhomla. F'qalbha kellha wkoll imħabba oħra u dak il-ħin qieset biss lil dawk is-suldati bħala nies ħżiena li riedu jkasbruha. It-trejqa quddiemha nqasmet fi tnejn, u t-tfajla mbeżża' għażlet l-isfel, aktar għan-niżla u eqreb lejn l-irziezet tal-Imġarr, bit-tama li l-franċiżi mqarba jitilfuha. Baqgħet tisma' warajha l-passi mgħaġġla u bil-ġiri ġejjin biex jilħquha.

Reġgħet qabdet sqaq ieħor, aktar ftit għan-



niżla; imma issa ma kienx baqa' għażla oħra. Tiġri u titlob li tiltaqa' ma xi ħadd li jkun jista'; jgħinha; imma fil-Madonna biss baqgħet it-tama tagħha. Talbet aktar bil-ħerqa; talbet u talbet ħafna u l-Madonna pprovditilha sqaq fejn tista' tistaħba; daħlet minnu u ħasbet li hi biss kienet taf bih; fi Sqaq Randon, is-suldati żgur mhux se jiġu warajha. Imma x-xitan kien daħal sewwa f'qalbhom u dak li fettlilhom riedu b'kull mod jaslu għalih; pjaċir żieni ma' tfajla sabiħa.

Fis-sqaq, aktar ma toqrob lejn il-Ġnejna, lemħet mogħdija quddiemha u rat ftit il-bogħod borġ ġebel u siġar tal-ħarrub; it-tifla qatgħetha li tidħol hemm u ssib fejn tistaħba; x'ħin nifisha kien maqtugħ u ma kien baqgħalha ebda saħħa lemħet ħorża ta' bir, qrib ħarruba kbira: intefgħet warajha, nofsha mejta bil-għejja u bil-biża' u lissnet l-aħħar talba u intelqet f'idejn Marija.

Il-franċiżi qorbu l'hemm imma qishom qatgħu jieshom, raw debba sabiħa marbuta fil-qrib u nfexxew ir-rabja kollha tagħhom fiha; sawtuha u biċċruha u tilfet demmha l-bhima u waqgħet mejta... u s-suldati megħlubin u mistħija wieħed mill-ieħor għax ma rnexxilhomx l-għan ikraħ ta' ħsiebhom infexxew ikantaw bir-rabja, għaddsu rashom u telqu lura, għax lit-tfajla ma rawhiex fejn marret tistaħba.

Żgur kienet ħelsitha u għattietha l-Madonna.

Il-bir tar-ramel ma nsietu qatt f'ħajjitha, imma tifkira akbar kienet baqgħet f'qalbha: Il-Ħniena ta' Marija li hi sejħet bil-qawwi biex tismagħha.

X'ħin dalam sewwa, kollha rogħda reġgħet lura lejn id-dar, mbeżża' u mifxula; in-nagħaġ kienu ilhom li waslu qabilha. Tad-dar kienu fitxewha u bdew jibkuha, għax l-istejjer tas-suldati barranin kienu ilhom ibeżżgħuhom ħafna... Imbikkma u bir-rogħda fuqha qalet kollox lill-ommha u lill-missierha. Semgħuha u rringrazzjaw lil Alla li reġgħet lura qawwija u sħiħa u mhix mittiefsa. Fid-dar kulħadd beka bil-ferħ u riedu jaraw kif jirringrazzjaw lill-Madonna. Il-Missier ħaseb u fetaħ qalbu ma martu u qallha li ta' din il-grazzja tal-Madonna ried iħalli tifkira.

Fil-għalqa fejn kienet it-tfajla tirgħa n-nagħaġ dik il-lejla, missierha bena niċċa u ddedikaha lill-Madonna, Omm tas-Safa, il-Kunċizzjoni Immakulata.

Hekk baqgħet għażiża għal-niesu u għan-nies ta' wara u kulħadd sar jafha bħala n-Niċċa ta' Binġemma.

## Mħabba u Devozzjoni

Meta nbniet in-Niċċa sewwa għadna ma nafux. Imma ħafna żmien ilu, l-isqof ta' Malta ta' l-indulġenzi lil min jieqaf jitlob quddiemha, għaliex in-nies ħabbew in-niċċa u kabbru d-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni.

It-Tfal kienu jinġabru quddiemha fix-xahar

ta' Mejju u jgħidu r-Rużarju flimkien. Magħhom ġie li marru l-kbar ukoll. Bl-interċessjoni ta' Marija Immakulata, Alla għoġbu jbierek u jagħti għajnuniet kbar lil min bil-fidi kien jirrikorri lejn Ommu Marija.

Marija Calleja tirrakonta li darba, il-Ħadd fil-għodu, waqt li kienet qegħda tirgħa n-nagħaġ ħdejn in-Niċċa, karozza kbira mimlija bit-turisti kienet nieżla minn Binġemma u x-xufier tilef il-kontroll tagħha; il-karrozza baqgħet titkaxkar sa ħdejn il-Madonna, ħarġitilha waħda mir-roti u baqgħet sejra f'nofs l-għalqa u l-karrozza waqfet f'xifer il-wied li kien hemm mat-triq. In-nies kollha ħarġu jirringrazzjaw lill-Madonna li salvathom minn disgrazzja kbira. Ma kienx miraklu, imma salvaw minn ħsara kbira li setgħet ġratilhom. Biex jirringrazzjaw lill-Madonna, ħafna bdew jagħmlu xi offerti ħalli tiġi mżejna u meqjuma aktar il-Madonna.



Il-flus li nġabru baqgħu f'idejn Karmnu missierha u żied dejjem magħhom l-offerti tan-nies li kienu jinstabu fil-kaxxa. Bdew jaħsbu biex jixgħelu lampa biż-żejt quddiemha. Mara mill-Imġarr ta' Ġewwa offriet qasba żejt b'ringrazzjament lill-Madonna. Grazzji oħra baqgħu msemmija, fosthom, fejqan ta' tfajjel minn marda kiefra u twila: missieru minn Naxxar kien jaħdem qrib in-Niċċa, u wara li talab u ġera b'ibnu għand ħafna tobba, irrikorra lejn il-Kunċizzjoni u qala' l-fejqan li kien diffiċli ħafna. Jirrakkontaw li bidwi kien nieżel ma' bintu fuq karettun u l-bhima tajrithom minn fuqu; talbu b'ħerqa kbira u l-Madonna salvathom qawwijin u sħaħ. Żewġ trakkijiet kbar li kienu jġorru blokki kbar għall-Pumping Station ħelsu wkoll minn disgrazzja kbira quddiem in-Niċċa tal-Madonna u baqgħu jitolbuha biex tibqa' tħarishom għall-quddiem.

Fil-gwerra n-nies ta' Binġemma talbu ħafna lill-Madonna biex teħles lilhom u l-irziezet tagħhom mill-qerda; wara li qalu r-Rużarju flimkien, ftehmu u wegħdu li jekk ħadd ma jweġġa', meta tispiċċa l-gwerra jagħmlu ħilithom biex jibnu kappella minflok in-Niċċa. Jingħad li Ġanni Berququ, wieħed minnhom, offra li jagħti biċċa mill-għalqa ħalli dan il-ħsieb ikun jista' jseħħ. Wara l-gwerra, nġabru b'kollox aktar minn LM 300; Karmnu ċ-Ċopin ħa ħsieb li jiddepsitahom f'Bank u wara xi żmien ingħataw lill-kappillan ta' l-Imġarr; il-flus għadhom miġbura u issa jkunu jistgħu jservu għar-restawr tan-niċċa.

Fin-nuqqas ta' xita, il-bdiewa dejjem irrikorrew lejn il-Madonna u semgħethom; fil-maltemp kbir ukoll sabu lill-Madonna tgħinhom biex l-uċuħ tar-raba ma jeħodhomx il-wied.

In-Niċċa baqgħet marbuta ma' qalb in-nies; ħabbewha u baqgħu isellmulha u jitolbu quddiemha għaliex tfakkarhom fl-Omm Ħanina li mis-Sema tħarishom u tberikhom.

*Dun Alwiġ Deguara.*